# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERC)

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 30 ta' Settembru 2020**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 763/2007/1**

**Federated Association of Travel and Tourism Agents (FATTA)**

**vs**

**Deutsche Lufthansa AG (Malta),**
**Deutsche Lufthansa AG (Germany) u**
**International Air Transport Association**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-assocjazzjoni attrici prezentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' liema talbet sabiex il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom qed jagixxu rregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 818 tal-Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) specifikament Artikolu 9.

2. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom unikament responsabbli ghal danni rizultanti mill-agiur irregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 818 tal-imsemmi Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) hekk specifikat.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti.

4. Tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lillmembri tal-Assocjazzjoni rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati nkluz tal-protest gudizzjarju li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Deutsche Lufthansa AG (Malta) u Deutsche Lufthansa AG (Germany) permezz ta' liema eccepew preliminarjament n-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-kontendenti, in-nuqqas ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, illi l-assocjazzjoni rikorrenti m'hija qed issofri l-ebda danni kif reklamati minnha ghaliex m'hijiex parti mill-Passenger Sales Agency Agreement, illi s-socjetajiet konvenuti m'humiex responsabbli ghall-kwalunwke danni allegatament sofferti mill-assocjazzjoni attrici, il-bejgh dirett ta' biljetti tal-ajru minn fuq is-sit elettroniku taghhom huwa konformi mal-Passenger Sales Agency Agreement, illi m'hemm l-ebda ksur tal-Kodici Kummercjali u l-principji fondamentali tal-kompetizzjoni gusta, illi l-agir tal-konvenuti m'huwiex diskriminatorju u illi l-allegazzjoni illi qieghdin jiksru is-sub artikolu 9.3.2 tar-Resoluzzjoni 818 tal-Passenger Sales Agency Agreement hija nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat is-sentenza in parte tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Ottubru 2008;

Rat ir-risposta guramentata ta' International Air Transport Association tas-26 ta' Novembru 2013 permezz ta' liema eccepiet illi l-azzjoni attrici ghandha titqies dezerta ai termini tal-artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-azzjoni attrici tirrekalha pregudizzju peress illi l-azzjoni giet intavolata fis-16 ta' Lulju 2007 filwaqt li hija giet notifikata bl-atti f'Novembru 2013 meta kien diga saru diversi atti u anke inghatat sentenza parzjali, illi l-azzjoni attrici in kwantu diretta fil-konfront taghha hija intempestiva, illi m'hijiex il-legittimu kontradittur, illi hija ma tidholx f'arrangamenti kummercjali bejn agenti tal-ivvjaggar u vetturali bl-ajru, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u illi hija ma kkagunat l-ebda danni lill-assocjazzjoni attrici.

Rat is-sentenza in parte moghtija fis-16 ta' April 2015;

Rat is-sentenza in parte moghtija fis-27 ta' Gunju 2019;

Rat id-digriet moghti fis-16 ta' Lulju 2020;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li fis-16 ta' Lulju 2020 il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez;

**Ikkunsidrat**

Din hija sentenza fuq il-kap tal-ispejjez, wara illi l-assocjazzjoni attrici prezentat nota ta' cessjoni permezz ta' liema irtirat il-kawza odjerna fis-16 ta' Jannar 2020, sussegwenti ghas-sentenza in parte moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju 2019, liema nota ma gietx accettata mill-assocjazzjoni konvenuta International Air Transport Association (IATA) ghaliex saret b'kundizzjoni, u cioe illi l-ispejjez jibqghu minghajr taxxa.

Ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza, il-Qorti tqis utli illi jigi spjegat in succinct l-andament tal-kawza odjerna:

- L-Assocjazzjoni attrici intavolat din il-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tikseb dikjarazzjoni illi s-socjetajiet konvenuti qed jagixxu ki ksur tal-Passenger Sales Agency Agreement, u sabiex jigu llikwidati d-danni sofferti minnha minhabba dan l-agir irregolari u s-socjetajiet konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-ammont hekk likwidati. Dawn il-pretensjonijiet gew respinti mis-socjetajiet konvenuti;

- Sussegwentement, permezz ta' sentenza parzjali datata 6 ta' Ottubru 2008 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, wara li laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza taghha, ordnat is-sospensjoni tal-proceduri odjerni, irreferiet il-kwistjonijiet dwar il-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 lill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust sabiex din tinvestigaha u tiddeciediha skont il-ligi, u halliet il-kawza sine die riappuntabbli wara li tinghata decizjoni mill-Kummissjoni;

- Il-kawza giet imbaghad riappuntata permezz ta' digriet datat 8 ta' Mejju 2013;

- Permezz ta' digriet datat 17 ta' Ottubru 2013 l-Assocjazzjoni attrici giet awtorizzata tinnotifika lis-socjeta konvenuta IATA fl-Italja, wara li l-Qorti gibdet l-attenzjoni taghha li ma kienx jirrizulta li din il-konvenuta kienet qatt giet notifikata b'dawn il-proceduri. Is-socjeta konvenuta IATA prezentat ir-risposta guramentata taghha fis-26 ta' Novembru 2013;

- Fis-16 ta' April 2015 inghatat sentenza parzjali permezz ta' liema giet michuda l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta IATA illi din l-azzjoni ghandha titqies bhala dezerta;

- Fit-30 ta' Novembru 2015 inghatat sentenza parzjali permezz ta' liema giet michuda l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta IATA illi "…l-azzjoni attrici tirreka pregudizzju lill-esponenti stante li din giet notifikata biss f`Novembru 2013 ghad li l-kawza ilha prezentata sa mis-16 ta` Lulju 2007 u fiha saru diversi atti u sahansitra inghatat sentenza parzjali, liema atti m`ghandhomx jaghmlu stat fil-konfront tal-esponenti stante li din qatt ma giet notifikata bl-atti promotorji u lanqas inghatat il-fakulta` li tidher u taghmel is-sottomissjonijiet taghha u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju";

- Permezz tal-provvediment tas-16 ta' Frar 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili bghatet l-atti kollha tal-kawza lit-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur sabiex jittratta u jiddeciedi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, filwaqt li halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli skont kif jipprovdi l-Art 964(1) tal-Kap 12 mid-data tad-decizjoni finali tat-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur;

- In vista tal-eccezzjoni preliminari moghtija mis-socjetajiet konvenuti Deutsche Lufthansa AG (Malta) u Deutsche Lufthansa AG (Germany), it-Tribunal tal-Appell Ghall-Kompetizzjoni u Ghall-Konsumatur ippronunzja sentenza fis-27 ta' Gunju 2017 permezz ta' liema ddecieda li ghal din il-vertenza japplika l-Att dwar il-Kompetizzjoni, inkluz l-artikolu 27 tieghu, kif kien qabel l-Att VI tal-2011, bl-ispejjez kontra l-istess socjetajiet konvenuti;

- Fit-28 ta' Mejju 2019 il-kawza kienet giet differita ghas-27 ta' Gunju 2019 ghall-gheluq tal-provi, wara illi l-partijiet iddikjaraw illi bhala provi kien jonqos biss il-kontro-ezami tar-rapprezentant ta' Lufthansa da parti tal-Assocjazzjoni attrici;

- Fis-27 ta' Gunju 2019 inghatat sentenza fi proceduri ohrajn intavolati mill-Assocjazzjoni attrici dwar ksur tal-istess Passenger Sales Agency Agreement u l-Att dwar il-Kompetizzjoni bin-numri 609/2017MCH, 610/2017AF, 611/2017SM u 612/2017LM permezz ta' liema gie deciz illi ma kienx hemm ksur tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta minn naha tas-socjetajiet konvenuti, li kienu jinkludu wkoll is-socjeta IATA;

- Ghalhekk fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2019 id-difensur legali tal-Assocjazzjoni attrici talab differiment sabiex jirregola ruhu wara s-sentenza appena msemmija;

- Wara d-dhul fis-sehh tal-artikolu 5A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 din il-kawza tkompliet tinstema' mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) b'effett mill-24 ta' Ottubru 2019;

- L-Assocjazzjoni attrici prezentat nota ta' cessjoni fis-16 ta' Jannar 2020 li kienet taqra hekk: "Nota ta' Iain Tonna…Li permezz taghha qieghed jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li l-Federated Associations of Travel and Tourism Agents (FATTA) qedha tirtira l-kawza odjerna, b'dana li tkun minghajr taxxa";

- Il-konvenuta IATA prezentat rikors fil-21 ta' Jannar 2020 permezz ta' liema talbet lil Qorti sabiex tipprocedi ai termini tal-artikolu 908 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tissokta bis-smiegh tal-kawza wara illi premettiet illi n-nota ta' cessjoni tal-assocjazzjoni attrici giet kwalifikata bil-kondizzjoni "tkun minghajr taxxa" u ghalhekk hija kellha d-dritt li ma taccettahiex ai termini tal-artikolu 908 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Il-konvenuta Deutsche Lufthansa AG prezentat nota fid-29 ta' Jannar 2020 u sussegwentement fit-12 ta' Frar 2020 permezz ta' liema informat lil Qorti illi kienet qed taqbel illi l-proceduri jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet. Il-konvenuti l-ohrajn ma prezentaw l-ebda oggezzjoni ghan-nota ta' cessjoni tal-federazzjoni attrici;

- Fis-16 ta' Lulju 2020 inghata provvediment minn din il-Qorti permezz ta' liema ddecidiet illi f'dan l-istadju qed tqis il-procediment fil-mertu ezawrit peress illi cessjoni ma tistax tigi rtirata, filwaqt illi l-kawza kellha tkompli ghaddejja limitatament fir-rigward tal-kap tal-ispejjez.

Il-Qorti taghraf illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> (1) Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez.
>
> (2) Fil-kazijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra.

B'referenza ghal dan l-artikolu, ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** (App 16/09/2004) illi:

> Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);
>
> Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidherx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din issentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik iddikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti lohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni".

> Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur.
> (Ara wkoll **Raymond Borg et vs Hal Mann Limited** (App 20/10/2003); **Constantino Muscat pro et noe vs Nazzareno sive Reno Muscat et** (App 01/10/2004).

B'mod partikolari fir-rigward tal-akkolazzjoni tal-ispejjez f'kaz fejn il-parti attrici tkun cediet l-atti, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Victor Gauci vs Joseph Micallef et** (PA, 25/07/1985) fejn gie deciz illi:

> …hu issa kien qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni minnu proposta billi kien qieghed jirrinunzja ghall-pretensjoni tieghu avvanzata fil-kawza li jista' jgieghel lill-konvenuti jqieghdu lura l-wires u l-pompa u jhawlu x-xtieli, u kwindi jsegwi li ma jistax jippretendi l-ispejjez tal-kawza minghand il-konvenut.

Il-Qorti tqis illi s-sottomissjoni maghmula mill-assocjazzjoni attrici fis-sens illi l-IATA baqghat tinsisti fuq il-kap tal-ispejjez ghaliex allegatament tgawdi minn posizzjoni dominant qawwija fis-settur tal-avjazzjoni civili fuq livell mondjali hija assolutament irrelevanti, kif inhi ukoll irrelevanti s-sottomissjoni taghha illi l-Assocjazzjoni Ewropeja ta' Agenti tal-Ivjaggar u Operturi ta' Tours instigat proceduri kontra IATA dwar abbuz ta' posizzjoni dominanti li ghadhom pendenti. Id-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez issir ai termini tal-ligi u b'referenza biss ghall-fatti tal-kawza quddiem il-Qorti, u certament m'hijiex influwenzata mill-posizzjoni ta' xi hadd mill-partijiet, jew xi kawza ohra quddiem Qorti ohra, li terga u tghid ghadha lanqas biss giet deciza.

Wara li rat l-atti il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz ma jezistux dawk ic-cirkostanzi straordinarji li jkunu jiggustifikaw decizjoni illi l-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet. L-assocjazzjoni attrici cediet dawn il-proceduri wara d-decizjoni ta' din il-Qorti moghtija fi proceduri separate u wara illi l-istadju tal-provi f'din il-kawza kien kwazi maghluq, liema sentenza kienet giet moghtija wkoll fid-dawl tal-investigazzjoni maghmula mill-Ufficju tal-Kompetizzjoni li ma kienx hemm il-ksur tal-ligi li gie allegat f'dawk il-proceduri mill-Assocjazzjoni attrici. Ghalhekk l-Assocjazzjoni attrici ma tistax tippretendi illi l-ispejjez jibqghu minghajr taxxa f'dawn ic-cirkostanzi. Pero, ikkonsidrat illi f'dawn il-proceduri inghataw zewg sentenzi in parte wara zewg eccezzjonijiet preliminari moghtija mis-socjeta konvenuta IATA, li t-tnejn gew michuda, l-Qorti tqis illi l-IATA ghandha tbati parti mill-ispejjez. B'dan illi dan japplika biss fil-konfront tal-konvenuta IATA, peress illi s-socjetajiet konvenuti l-ohrajn Deutsche Lufthansa

(Malta) AG u Deutsche Lufthansa AG (Germany) jidher illi accettaw ic-cessjoni kif maghmula mill-assocjazzjoni attrici minghajr riservi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza sa fejn dawn jirrigwardaw il-konvenuta International Air Transport Association (IATA) ghandhom jithallsu in kwantu ghal 90% mill-assocjazzjoni attrici u in kwantu ghal 10% mill-IATA, filwaqt illi fil-konfront ta' Deutsche Lufthansa AG (Malta) u Deutsche Lufthansa AG (Germany) l-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur